A.L. 99 ta' l-1994

ATT TA' L-1994 DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (ATT NRU. XII TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Skemi għal Bejjiegħa bl-Imnut)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bil-artikoli 46 u 61 ta' l-Att ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Skemi għal Bejjiegħa bl-Imnut).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Settembru, 1994.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor —

"skema" tfisser kull skema li għaliha japplika r-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Kull espressjoni użata f'dawn ir-regolamenti għandu jkollha it-tifsir mogħti lilha fl-Att.

Skemi għal bejjiegħa bl-imnut.

3. Dan ir-regolament jgħodd għal:

(a) skema bażata fuq ħlas fil-pront;
(b) skema bażata fuq il-ħruġ ta' fattura;
(ċ) skema awtorizzata.

Skema bażata fuq ħlas fil-pront.

4. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-regolament, provvisti li jsiru minn u lil bejjiegħ bl-imnut li jadotta skema bażata fuq ħlas fil-pront għandhom jitqiesu bħallikieku jkunu saru filwaqt meta l-ħlas għall-provvisti isir lil jew minn dak il-bejjieħ bl-imnut, skond il-każ, u l-valur taxxabbli ta' provvisti magħmula matul żmien ta' taxxa minn u lil bejjiegħ bl-imnut bħal dak għandu jkun ekwivalenti għall-ħlasijiet riċevuti minn u mħallsa lil, rispettivament, dak il-bejjiegħ bl-imnut matul dak iż-żmien ta' taxxa għal provvisti taxxabbli magħmula minnu u lilu.

(2) id-dispożizzjonijiet tal-partiti 5 u 6 tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att għandhom japplikaw għall-għan li jiġi stabbilit il-valur taxxabbli tal-provvisti msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament kemm-il darba r-riferenza li hemm f'dawk il-partiti għal "kumpens għal provvista taxxabbli" tinftihem bħala riferenza għall-ħlas riċevut jew li jsir, skond il-każ, għal provvista taxxabbli.

(3) Meta bejjiegħ bl-imnut jagħmel transazzjoni li għaliha ma jingħata jew jitħallas ebda kumpens, u meta dik it-transazzjoni titqies bħala provvista taxxabbli magħmula minn dak il-bejjiegħ bl-imnut bis-saħħa ta' regolamenti magħmulin għall-għanijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att, il-valur taxxabbli ta' dawk il-provvisti għandu jiġi stabbilit skond ma hemm fil-partiti 7 u 8 tar-Raba' Skeda li tinsab ma' l-Att.

(4) L-*input tax* u l-kreditu għall-*input tax* ta' bejjiegħ bl-imnut li jadotta skema bażata fuq ħlas fil-pront għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 24 u 25 ta' l-Att u ta' regolamenti preskritti bis-saħħa tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att, kemm-il darba kull riferenza f'dawk l-artikoli u regolamenti għal taxxa li għandha titħallas għal provvisti mogħtija lil persuna reġistrata għandha tinftiehem bħala riferenza għal taxxa mħallsa fuq dawk il-provvisti.

Skema bażata fuq il-ħruġ ta' fattura.

5. Iż-żmien ta' provvisti u l-valur taxxabbli ta' provvisti magħmula minn u lil bejjiegħ bl-imnut li jadotta skema bażata fuq il-ħruġ ta' fattura, u l-*input tax* u l-kreditu għall-*input tax* li jkun permess lil dak il-bejjiegħ bl-imnut għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att u ta' regolamenti magħmulin bis-saħħa ta' l-Att mingħajr ebda riferenza għal dawn ir-regolamenti.

Skemi awtorizzati.

6. (1) Il-Kummissarju jista' jawtorizza lil bejjiegħ bl-imnut li jadotta xi skema oħra biex jiġi stabbilit iż-żmien tal-provvisti u tal-valur taxxabbli ta' provvisti magħmula minn u lil dak il-bejjiegħ kif jista' jqis li jkun xieraq.

(2) Skema li tiġi awtorizzata bis-saħħa tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandha tiġi speċifikata permezz ta' avviż mogħti mill-Kummissarju lil dak il-bejjiegħ bl-imnut, jew li jiġi pubblikat permezz ta' avviż fil-Gazzetta f'liema każ l-awtorizzazzjoni għandha titqies bħala li tkun ingħatat lill-bejjiegħa bl-imnut kollha li jidħlu fil-kategorija li jsir jgħodd għaliha dak l-avviż.

(3) Skema awtorizzata tista' tiġi emendata jew revokata jew ssotitwita permezz ta' avviż li jinħareġ wara.

Adozzjoni ta' skemi għal bejjiegħa bl-imnut.

7. (1) Kull bejjiegħ bl-imnut għandu jadotta waħda mill-iskemi msemmija fir-regolamenti 4 u 5 ta' dawn ir-regolamenti jew, meta l-iskema tkun ġiet awtorizzata taħt ir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti, dik l-iskema awtorizzata, u għandu jindika l-iskema adottata permezz ta' dikjarazzjoni li tintehmeż ma' jew li tiddaħħal fid-denunzja minnu magħmula għal kull żmien ta' taxxa li matulu jadotta dik l-iskema.

(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fil-pargrafu (1) ta' dan ir-regolament għandha tindika b'mod ċar liema tkun l-iskema użata u għandha ssir f'dik l-għamla li l-Kummissarju jista' jordna.

Rifjut ta' permess għall-adozzjoni ta' skema.

8. (1) Il-Kummissarju jista' jirrifjuta li jippermetti bejjiegħ bl-imnut li jadotta skema bażata fuq ħlas fil-pront jew skema awtorizzata b'avviż fil-Gazzetta jekk ikun tal-fehma li dik l-iskema x'aktarx li

tgħawweġ b'mod sinifikattiv il-valur taxxabbli tal-provvisti taxxabbli magħmula minn dak il-bejjiegħ bl-imnut jew l-*input tax* tiegħu u li dak il-bejjiegħ bl-imnut jista' raġonevolment jiġi mistenni li jadotta skema bażata fuq il-ħruġ ta' fattura jew xi skema awtorizzata oħra.

(2) Il-Kummissarju għandu jieħu ħsieb li rifjut bħal dak imsemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament jiġi avżat lill-bejjiegħ bl-imnut u għandu permezz ta' dak l-istess avviż jeħtieġ lill-bejjiegħ bl-imnut li jadotta, ħlief jekk u sakemm jiġi awtorizzat li jaddotta skema awtorizzata li ma tkunx dik li jkun jirreferi għaliha r-rifjut, skema bażata fuq il-ħruġ ta' fattura.

(3) Rifjut ikun effettiv b'seħħ miż-żmien ta' taxxa li matulu jiġi avżat jew minn dik id-data li tiġi aktar tard li tista' tiġi speċifikata fl-avviż imsemmi fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament sa dak iż-żmien li jista' jiġi speċifikat f'dak l-avviż.

Meta skema ma titkompliex.

9. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-regolament, skema tista' ma titkompliex billi tiġi adottata skema oħra magħmula skond ir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Ħlief bl-approvazzjoni tal-Kummissarju bejjiegħ bl-imnut ma jistax ma jkomplix skema kemm-il darba ma jkunx adotta dik l-iskema għal mill-anqas erba' żminijiet ta' taxxa konsekuttivi u kemm-il darba ma jkunx ta avviż tal-intenzjoni tiegħu li ma jkomplix l-iskema lill-Kummissarju sa mhux aktar tard mid-data meta l-aħħar denunzja li fiha tiġi adottata l-iskema tingħata lill-Kummissarju.

(3) Il-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament ma għandux japplika meta bejjiegħ bl-imnut ikun jixtieq li ma jkomplix skema awtorizzata li tkun ġiet emendata, revokata jew sostitwita.

(4) Meta skema ma titkompliex il-Kummissarju jista' jeħtieġ lill-bejjiegħ bl-imnut li jħallas it-taxxa f'dak l-ammont li l-Kummissarju jista' jqis li jkun ġust u raġonevoli sabiex jikkumpensa għat-taxxa fuq il-provvisti li, minħabba fin-nuqqas ta' tkomplija tal-iskema, jista' mod ieħor jibqa' mhux magħdud.

Kundizzjonijiet oħra li għandhom jitħarsu fl-adozzjoni ta' skema.

10. Ħlief bl-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju jew skond il-kundizzjonijiet ta' skema, bejjiegħ bl-imnut ma jistax:

(a) jadotta skema għal parti biss ta' żmien ta' taxxa;

(b) jadotta skema għar-rigward ta' parti biss mill-provvisti taxxabbli magħmulin fi żmien ta' taxxa;

(ċ) jaddotta iktar minn skema waħda għar-rigward ta' l-istess żmien.